13. L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-uffiċjali mediċi tal-FAM biex f'kull ħin sakemm ikunu għadhom fis-serizz, dawn ikunu jistgħu jitolbu dokumenti mediċi personali minn kwalunkwe sptar tal-Gvern jew privat. Kwalunkwe irregolarità u/jew diskrepanza tista' tiġi referita mill-imsemmijin uffiċjali mediċi lill-uffiċjali tal-Forzi Armati kif xieraq.

Karattru Morali

14. L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-Pulizija ta' Malta biex jgħaddu lill-FAM ir-rekord kriminali tagħhom. L-applikanti għandhom japplikaw fl-Uffiċċju tar-Rekords tal-Kwartieri Ġenerali tal-Forzi Armati ta' Malta u jħallsu l-miżata applikabbli sabiex ir-rekord sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali) ikun disponibbli għall-AFM għal raġunijiet ta' verifika.

15. Il-verifika tkun skont il-policies tal-FAM. Il-FAM iżommu d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' xi kandidat li jkun għadda mill-Proċess ta' Selezzjoni, jekk f'xi ħin jinstab li għandu rekord kriminali li mhux aċċettabbli, jew inkella jkun tkeċċa mill-Forzi Armati, jew minn xi korp iddixxiplinat ieħor.

16. L-applikanti jridu jipproduċu ittra ta' referenza tal-karattru tagħhom.

17. L-FAM iżommu d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' xi kandidat li jkun għadda mill-Proċess ta' Selezzjoni, jekk f'xi ħin jinstab li għandu rekord kriminali li mhux aċċettabbli, jew inkella jkun tkeċċa mill-Forzi Armati, jew minn xi korp iddixxiplinat ieħor.

Ingaġġ

18. Il-kandidati li jintgħażlu jigu ingaġġati fl-istruttura tal-grad tal-FAM, bi skala ta' salarju prorata bbażata fuq il-grad assenjat tagħhom. Il-grad speċifiku jiġi determinat skont il-kwalifiki u l-esperjenza ta' kull kandidat.

The interview will include reading and writing tests in both Maltese and English . Maximum points allocated towards the reading and writing is 100, with a pass mark of 50 points.

Total points allocated for Part II is 400.

Part III – Medical examination

12. Selected candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post according to Regular Force standards. Further information on the Regular Force Standards would be made available upon formal request by applicants to the AFM Recruitment Office. The Medical Examination will be carried out by the AFM Medical Officers and will be final and conclusive.

13. Applicants give their consent to the AFM medical officers to retrieve, at any point in time until they have been officially discharged from the service, personal medical records from any Government and Private hospital. Any irregularity and/or discrepancy can be transmitted, by the said medical officers, to the appropriate officers in the Armed Forces of Malta.

Moral Character

14. Applicants shall be required to give their consent to the Malta Police to provide the AFM with their criminal records. Applicants are to apply at the Armed Forces of Malta Headquarters Records Office and pay the applicable fee so that the complete record of criminal convictions (Fedina Penali) is made available to the AFM for vetting purposes.

15. Applicants shall be vetted in accordance with AFM policies. The AFM reserves the right to annul the result of the Selection Process of any successful candidate who at any time is found to have an unacceptable criminal record or has been dismissed from the AFM or any disciplined force.

16. Applicants must present a character reference letter.

17. The AFM reserves the right to annul the result of the Selection Process of any successful candidate who at any time is found to have an unacceptable criminal record or has been dismissed from the AFM or any disciplined force.

Enlistment

18. The successful candidates will be Enlisted within the AFM rank structure, with a salary scale on a pro-rata basis in accordance to the rank. The specific rank they will be enlisted in will be determined on the basis of their qualifications and experience.

19. Kandidati ingaġġati jistgħu jkunu meħtieġa jagħmlu kors ta' taħriġ bażiku.

20. Applikanti li jintgħażlu jistgħu jiġu mwaqqfa mis-Servizz jekk ma jilħqux il-livell meħtieġ.

21. Ir-riservisti jiġu assenjati għal diversi unitajiet ibbażati fuq il-bżonnijiet tas-Servizz. It-taħriġ fi ħdan l-unità se jinkludi żvilupp ta' ħiliet speċjalizzati u jista' jinkorpora wkoll taħriġ fuq il-post tax-xogħol.

22. Riservisti jistgħu jissejħu f'każijiet ta' periklu jew emerġenza nazzjonali. Barra minn hekk, riservisti jistgħu jissejħu biex jipparteċipaw u jassistu l-Forza Regolari f'kull missjoni nazzjonali u xogħol.

23. Riservisti meħtieġa li jservu minimu ta' 12-il siegħa u massimu ta' 39-il siegħa fil-ġimgħa jew aggregat ekwivalenti f'kull xahar. Il-perjodi msemmija qabel jistgħu jiġu estiżi bi ftehim reċiproku.

24. Riservisti waqt taħriġ jew meta jiġu msejħa għal dmirijiet, jiġu mħallsa skont ir-rati ta' salarji applikabbli għall-membri Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

Applikazzjoni

25. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tar-Reklutaġġ tal-FAM, Luqa Barracks, Ħal Luqa.

26. L-applikazzjonijiet mimlija għandhom jaslu fl-Uffiċċju tar-Records, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru 2024. Mal-formoli tal-applikazzjoni għandhom ikunu inklużi:

a. l-oriġinali u kopji taċ-ċertifikati mitluba u dikjarazzjonijiet tal-NCFHE;

b. ritratt tal-passaport bil-kulur;

c. irċevuta maħruġa mill-FAM għall-ħruġ tar-reġistru tal-kundanni (Fedina Penali – ċertifikati tal-kondotta mhux aċċettati);

d. liċenzja, ċertifikati akkademiċi u professjonali, li jinkludu r-riżultati uffiċjali relatati maċ-ċertifikati maħruġ mill-università;

e. ittra ta' referenza dwar il-karattru;

f. curriculum vitae;

g. Jobsplus Employment History.

19. Enlisted candidates may be required to undergo a basic training course.

20. Successful applicants may be discharged from the Service should they fail to achieve required standards.

21. Reservists will be assigned to various units based on the needs of the Service. Training within the unit will include specialized skills development and may also incorporate on-the-job training.

22. Reservists shall be liable to be called out in case of national danger or emergency. Additionally, reservists may be called out in order to participate and assist the Regular Force in any national mission and task.

23. Reservists shall be required to serve a minimum of 12 hours and a maximum of 39 hours per week or an equivalent monthly aggregate. The aforementioned periods may be extended upon mutual agreement.

24. Reservists undergoing training or called for duty, shall be paid the regular rates of pay applicable to the Armed Forces of Malta.

Application

25. Application forms may be collected from the AFM Recruiting Office, Luqa Barracks, Ħal Luqa.

26. Duly completed application forms must reach Records Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, by noon, on Friday, 6 December, 2024, accompanied by:

a. originals and copies of requested certificates including NCFHE statements;

b. passport sized colour photograph;

c. receipt issued by the AFM on application for issue of criminal record (Fedina Penali – conduct sheets are not accepted)

d. licence, academic and professional certificates, including the official transcripts pertaining to university qualifications;

e. character reference letter;

f. curriculum vitae;

g. Jobsplus Employment History.

h. kopja tas-Service and Record Leave Form (GP47) f'każ ta' ħaddiema fis-Settur Pubbliku.

30. Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

31. Il-karta tal-identita' u d-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew mal-applikazzjoni kif ukoll waqt il-process ta' selezjoni.

32. L-FAM ikollhom is-setgħa li jittrattaw sommarjament ma' kull kandidat li, waqt li jkun qiegħed isir il-proċess ta' selezzjoni, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew xi ksur ieħor tar-regolamenti maħruġa biex jiggwidaw il-kandidati.

33. L-FAM iżżomm id-dritt li tħassar il-proċess ta' selezzjoni li jekk tinsab xi irregolarità dwar dan il-proċess ta' selezzjoni. Dan it-tħassir jista' jirreferi għall-proċess ta' selezzjoni kollha, anke jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tal-proċess ta' selezzjoni.

34. Aktar informazzjoni fuq l-FAM tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-FAM (www.afm.gov.mt).

It-22 ta' Novembru, 2024

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-ISTATISTIKA

Post ta' Uffiċjal Amministrattiv 5

Permess tal-Jobsplus 1094/2024
Jobsplus Vacancy (412910)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1.0 Iċ-Chairman tal-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta (MSA) se jilqa' applikazzjonijiet għal xogħol ta' Uffiċjal Amministrattiv 5 bi speċjalizzazzjoni fl-Amministrazzjoni tal-Pjattaforma Diġitali mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO).

1.1 Din il-pożizzjoni hija opportunità eċċezzjonali għal kandidati prospettivi bi sfond akkademiku fit-teknoloġija tal-informatika, ix-xjenza tal-kompjuter, jew oqsma relatati.

1.2 Minbarra livell eċċellenti ta' ħiliet interpersonali u ta' komunikazzjoni, il-kandidati li jintgħażlu jrid ikollhom ħiliet numeriċi u analitiċi sodi.

Pakkett tax-Xogħol

2.0 Skont it-termini tal-Ftehim Kollettiv li jorbot lill-impjegati kollha tal-MSA, il-grad ta' Uffiċjal Amministrattiv 5 jaqa' fl-iskala tas-salarju tlieta (3) u jibda minn €28,950 għas-sena 2024, b'żidiet annwali li huma suġġetti għal prestazzjoni tajba ta' xogħol.

h. a copy of the Service and Record Leave Form (GP47) in case of workers in the Public Sector.

30. Late applications will not be considered.

31. Identity card, original documents and/or certificates are to be invariably produced when submitting the application form and during the selection process.

32. The AFM shall deal summarily with any candidate who, while the selection process is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any other breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

33. The AFM reserves the right to annul the selection process if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole selection process even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the selection process.

34. Further information on the AFM can be found on the AFM website (www.afm.gov.mt).

22nd November, 2024

NATIONAL STATISTICS OFFICE

Post of Administration Officer 5

Jobsplus permit 1094/2024
Jobsplus Vacancy (412910)

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1.0 The Chairman of the Malta Statistics Authority (MSA) invites applications for the post of Administration Officer 5 with specialisation in Digital Platform Administration within the National Statistics Office (NSO).

1.1 The post is an exceptional career opportunity for prospective candidates with an academic background in information technology, computer science, or related fields.

1.2 Besides an excellent level of interpersonal and communication skill, successful candidates must have sound numerical and analytical skills.

Work Package

2.0 In terms of the Collective Agreement binding all MSA employees, the post of Administration Officer 5 falls within Salary Scale 3 with a salary commencing at €28,950 for the year 2024, rising by annual increments subject to a positive employee performance review.

2.1 L-Uffiċċju joffri ambjent tax-xogħol attraenti, assigurazzjoni tas-saħħa, inċentivi għal studju kontinwu kif ukoll miżuri għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja.

Termini u Kundizzjonijiet

3.0 Din il-ħatra hija bbażata fuq kuntratt indefinit li huwa suġġett għal perjodu ta' prova ta' tnax-il xahar (12).

3.1 Ma jkunx possibbli li jintalab trasferiment intern qabel perjodu ta' sentejn (2) mid-data tal-ħatra sakemm tali talba ma tkunx ġejja mill-maniġment minħabba esiġenzi ta' xogħol fl-Uffiċċju.

3.2 Il-kandidat magħżul huwa meħtieġ illi jiffirma kuntratt li jiddikjara lilu nnifsu responsabbli għall-impenji li huwa magħżul għalihom.

3.3 Ir-riżultat jibqa' validu għal sena (1) mid-data ta' pubblikazzjoni.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet ta' Uffiċjal Amministrattiv 5 bi speċjalizzazzjoni fl-Amministrazzjoni tal-Pjattaforma Diġitali huma:

a) Kitba, editjar u tqassim tal-kontenut tas-sit elettroniku, inkluż is-sorveljanza tal-operat u l-manutenzjoni ta' kuljum tas-sit elettroniku tal-NSO u l-kontenut tiegħu;

b) Jiżviluppa u jimmaniġġja formoli online kemm għall-użu intern kif ukoll estern, bl-użu ta' diversi pjattaformi. Tiġi żgurata integrazzjoni bla xkiel mas-sistemi eżistenti, li tista' tinvolvi t-tagħlim u l-applikazzjoni ta' lingwi tekniċi bħal HTML, CSS, u JavaScript biex tiġi ottimizzata l-funzjoni tal-forma;

c) Responsabbli għall-istatistika li tinżamm online; inkluż il-ħolqien ta 'definizzjonijiet tal-istruttura tad-data, it-tlugħ tad-data, u l-manutenzjoni u ż-żamma tagħha;

d) Jimmaniġġja u jamministra l-intranet tal-NSO, filwaqt li jiżgura li jinżamm aġġornat u jservi bħala pjattaforma ta' komunikazzjoni u kollaborazzjoni interna effettiva;

e) Ifittex opportunitajiet biex itejbu r-reputazzjoni tal-Uffiċċju;

f) Assistenza fil-produzzjoni ta' viżwalizzazzjonijiet għall-użu tat-tixrid.

4.2 Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol tista' tinkiseb mingħand il-Kap tat-Taqsima Riżorsi Umani u Żvilupp tal-Istaff, fl-NSO.

2.1 The Office also offers a friendly working environment, a health insurance policy, policies to support further study and family-friendly measures such as teleworking and flexible working arrangements.

Terms and Conditions

3.0 This appointment is on an indefinite contractual basis. The first twelve (12) months are subject to a probationary period.

3.1 It will not be possible to request an internal transfer before a two (2) year period from date of appointment as long as such request does not come from senior management due to work exigencies of the Office.

3.2 The selected candidates will be required to sign an undertaking signifying their commitment to the assignment for which they are selected.

3.3 The interview result will be valid for a period of one (1) year from the date of publication.

Duties

4.1 The duties of an Administration Officer 5 with specialisation in Digital Platform Administration include:

a) Write, edit and distribute website content, including overseeing the day-to-day operation and maintenance of the NSO website and its content;

b) Develop and manage online forms for both internal and external use, utilising various platforms. Ensure seamless integration with existing systems, which may involve learning and applying technical languages like HTML, CSS, and JavaScript to optimise form functionality;

c) Responsible for the online statistical database; including the creation of data structure definitions, the uploading of data, and its maintenance and upkeep;

d) Manage and administer the NSO's intranet, ensuring it is kept updated and serves as an effective internal communication and collaboration platform;

e) Seek opportunities to enhance the reputation of the Office;

f) Assist in the production of visualisations for use in dissemination outputs.

4.2 A detailed job description can be obtained from the Head of Unit – Human Resources and Staff Development, at the NSO.

Rekwiżiti

5.0 Applikanti għal dan ix-xogħol għandu jkollhom:

a) Ċertifikat rikonoxxut ekwivalenti għall-Malta Qualification Framework (livell 5 tal-MQF) fix-Xjenza tal-kompjuter, it-Teknoloġija tal-informatika, jew qasam relatat b'seba' snin esperjenza relevanti, jew kwalifika f 'livell 6 tal-MQF jew ogħla fit-Teknoloġija tal-informatika;

b) Użu tajjeb tal-Ingliż, flimkien ma' użu tajjeb tal-Malti;

c) Kondotta tal-Pulizija nadifa (maħruġa fl-aħħar sitt xhur).

5.1 Applikanti prospettivi huma mitluba jippreżentaw dikjarazzjonijiet tal-MQRIC fejn jirrigwardjaw kwalifiki tal-MQRIC jew awtoritajiet oħra skont il-kundizzjonijiet stipulati minn din is-sejħa.

5.2 Barra minn hekk, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt irregolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

Eligibility Requirements

5.0 Applicants for this post must:

a) Be in possession of a recognised certificate equivalent to the Malta Qualification Framework (MQF Level 5) in Computer Science, Information Technology, or a related field with seven years of relevant experience, or an MQF Level 6 or higher qualification in Information Technology;

b) Demonstrate a good command of the Maltese and English languages;

c) Be in possession of a clean Police Conduct (issued within the last 6 months).

5.1 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications.

5.2 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006 or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007; or

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u lIrlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab parir mit-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Sottomissjoni tad-Dokumenti Mitluba

6.0 Applikanti għandhom jibagħtu:

i. Ittra ta' applikazzjoni u curriculum vitae (CV);

ii. Kopji taċ-ċertifikati li jinkludu traskrizzjoni tar-riżultati;

iii. Formola tal-kunsens għall-protezzjoni tad-data u kondotta tal-Pulizija lill-Kap tar-Riżorsi Umani permezz ta' ittra elettrinika lil (careers.nso@gov.mt) bit-titlu 'Post vakanti ta' Uffiċjal Amministrattiv 5 bi speċjalizzazzjoni fl-Amministrazzjoni tal-Pjattaform Diġitali' sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tat-Tlieta, 3 ta' Diċembru, 2024.

6.1 Il-formola għall-kunsens tal-protezzjoni tad-data tista' titniżżel mis-sit tal-NSO (https://nso.gov.mt/wp-content/uploads/MSA_NSO-Consent-Form.pdf) u tiġi sottomessa mad-dokumentazzjoni mitluba f'punt 6.0.

6.2 Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

6.3 Ċertifikati oriġinali u/jew noti ta' xhieda għandhom jiġu ppreżentati waqt l-intervista.

6.4 L-applikazzjonijiet milqugħa jiġu rikonoxxuti kollha.

6.5 Hija responsabbiltà tal-applikant li jivverifika li jagħti biżżejjed ħin sabiex l-applikazzjoni tkun proċessata mill-bord tal-għażla.

Proċedura tal-Għażla

7.0 Dawk eleġibbli jiġu evalwati mill-bord tal-għażla sabiex jiddeterminaw humiex xierqa għal dan ix-xogħol.

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

Submission of Supporting Documentation

6.0 Applicants are to send:

i. A letter of application and an updated curriculum vitae (CV);

ii. Copies of qualification certificates and transcript of results;

iii. A data protection consent form to the Head of Human Resources and Staff Development and Police certificate of conduct are to be sent by email to (careers.nso@gov.mt) with the subject caption 'Vacancy for the post of Administration Officer 5 with specialisation in Digital Platform Administration' by noon (Central European Time) of Tuesday, 3rd December, 2024.

6.1 A data protection consent can be downloaded from the NSO website (https://nso.gov.mt/wp-content/uploads/Consent-Form-1.pdf) and submitted with other supporting documentation as outlined in article 6.0.

6.2 Late applications will not be considered.

6.3 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.4 All applications received will be acknowledged.

6.5 It is the responsibility of the applicant to verify that his application was received on time for processing by the selection board.

Selection Procedure

7.0 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post.

7.1 L-ogħla marka fil-proċess tal-għażla hi 100% u sabiex wieħed jgħaddi jrid jaqbeż 50%.

7.2 Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li, minbarra li jkollhom ir-rekwiżiti skont Artikolu 5.0, juru li għandhom esperjenza relatata tax-xogħol.

Noti Oħra

8.0 L-MSA toffri opportunitajiet ta' xogħol indaqs, li jfisser li hi kommessa li toffri kundizzjonijiet ugwali fil-qasam tax-xogħol.

It-22 ta' Novembru, 2024

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Post ta' Second Secretary fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ – Ottubru 2024

L-EWWEL PARTI – Eżami bil-Miktub

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultati tal-eżamijiet hawn fuq imsemmija ġew ippubblikati kif ukoll mibgħuta permezz ta' ittra elettronika lil kull kandidat mid-Dipartiment tal-Eżamijiet. Ir-riżultat ippubblikat jinsab fuq in-notice board ta' Edu Servizz.gov, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana; u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx ir-riżultat huma mitluba biex jikkuntattjaw lid-Dipartiment tal-Eżamijiet permezz ta' ittra elettronika lil (myexams@gov.mt) minnufih.

It-22 ta' Novembru, 2024

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Aġġornament tal-Mappa Bażi 2018

L-Awtorità tal-Ippjanar tgħarraf lill-pubbliku ġenerali li se tkun qed twettaq titjir bid-drones fiż-żona u fid-dati li ġejjin:

Il-Marsa – mit-Tnejn, 25 sat-Tlieta, 26 ta' Novembru, 2024

Aktar tagħrif jista' jinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (geomatics@pa.org.mt).

It-22 ta' Novembru, 2024

7.1 The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in article 5.0, have proven relevant work experience.

Other

8.0 The MSA is an equal opportunities employer, which means that it is committed to providing equality of opportunity in employment.

22nd November, 2024

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Post of Second Secretary in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade – October 2024

PART I – Written Examination

The Director of Examinations notifies that the results for the above examinations have been published and also sent by email to the candidates. The published results may be viewed at the Edu Servizz.gov, Ministry for Eduction, Sport, Youth, Research and Innovation, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana; and at the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours.

Candidates who have not received the result notice are kindly requested to contact the Department of Examinations by email to (myexams@gov.mt) immediately.

22nd November, 2024

PLANNING AUTHORITY

Update to the 2018 Basemap

The Planning Authority notifies the public that it will be conducting drone flights in the following area and dates:

Marsa – from Monday, 25th till Tuesday, 26th November, 2024

For any queries, one may send an email to (geomatics@pa.org.mt).

22nd November, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttieħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sad-29 ta' Novembru, 2024, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2556 4134 mis-7.30 a.m. sa nofsinhar, jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by 29th November, 2024, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone 2556 4134 from 7.30 a.m. till noon, or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru tar-Reġistrazzjoni/Chassis *Registration/Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
Ford	Transit	Ikħal	FBC403	Birżebbuġia
Jaguar	F-Type	Griż	VU21DCZ	In-Naxxar
Peugeot	307	Abjad	BBW551	Il-Marsa
Seat	Ibiza	Iswed	CBJ361	Ħaż-Żebbuġ
Toyota	RAV4	Iswed	ROL051	Ħal Luqa
Ford	Transit	Abjad	BBH915	Iż-Żejtun
Toyota	Yaris	Iswed	DAI777	Ix-Xgħajra
Toyota	Hiace	Abjad	JBP794	Il-Fgura
Toyota	Corolla	Griż	HBJ885	Ħ'Attard
Mercedes	C Class	Kannella	ONE147	In-Naxxar
Renault	Megane	Kannella	BBQ581	In-Naxxar

It-22 ta' Novembru, 2024

22nd November, 2024

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf li dawn it-toroq se jingħalqu għat-traffiku u ħadd ma jista' jipparkja fihom:

Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru, 2024, mill-5.00 p.m. sal-10.30 p.m., nhar is-Sibt, 7 ta' Diċembru, 2024, mis-2.00 p.m. sal-10.30 p.m., u nhar il-Ħadd, 8 ta' Diċembru, 2024, mid-9.00 a.m. sal-10.30 p.m., minn parti minn Triq John Borg minn Triq Bwieraq sa Triq John Borg;

Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru, 2024, mit-3.00 p.m., sal-Ħadd, 8 ta' Diċembru, 2024, fil-11.59 p.m., minn parti Triq Brared minn Triq Anġlu Mallia sa Triq John Borg;

Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru, 2024, mill-5.00 p.m. sal-10.30 p.m., nhar is-Sibt, 7 ta' Diċembru, 2024, mit-8.00 a.m. sal-10.30 p.m., u nhar il-Ħadd, 8 ta' Diċembru, 2024, mit-8.00 a.m. sal-10.30 p.m., minn parti minn Triq Brared minn Triq John Borg sa Triq il-Kbira.

It-22 ta' Novembru, 2024

KUNSILL LOKALI SAN LAWRENZ

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz jgħarraf illi nhar il-Ħadd, 1 ta' Dicembru, 2024, mill-10.00 a.m. sas-6.00 p.m., ħadd ma jista' jipparkja fi Pjazza San Lawrenz u Triq id-Duluri. Triq id-Duluri u l-parti ta' fuq ta' Triq Fungus Rock se sservi bħala 2 way street.

It-22 ta' Novembru, 2024

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 5 ta' Diċembru, 2024.

Avviż Nru 63. Bejgħ tale quale tal-Fond Nru 71, Triq Sant'Anġlu, L-Isla, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2018_0468_B. Din il-proprjetà qed tiġi mibjugħa fl-istat li tinsab fih inkluż xi difetti li jista' jkun hemm moħbija. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,360 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u ħamsa u tletin elf u disa' mija u ħamsa u tmenin ewro (€135,985) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Birkirkara Local Council notifies that the mentioned streets will be closed for traffic and no parking is allowed:

On Friday, 6th December, 2024, from 5.00 p.m. till 10.30 p.m., on Saturday, 7th December, 2024, from 2.00 p.m. till 10.30 p.m., and on Sunday, 8th December, 2024, from 9.00 a.m till 10.30 p.m., through part of Triq John Borg from Triq Bwieraq till Triq John Borg;

On Friday, 6th December, 2024, from 3.00 p.m., till Sunday, 8th December, 2024, at 11.59 p.m., through part of Triq Brared from Triq Anġlu Mallia till Triq John Borg;

On Friday, 6th December, 2024, from 5.00 p.m. till 10.30 p.m., on Saturday, 7th December, 2024, from 8.00 a.m. till 10.30 p.m., and on Sunday, 8th December, 2024, from 8.00 a.m. till 10.30 p.m., through part of Triq Brared from Triq John Borg till Triq il-Kbira.

22nd November, 2024

SAN LAWRENZ LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The San Lawrenz Local Council notifies that on Sunday, 1st December, 2024, from 10.00 a.m. till 6.00 p.m., no parking is allowed in Pjazza San Lawrenz and Triq id-Duluri. Triq id-Duluri and the upper part of Triq Fungus Rock will serve as a 2 way street.

22nd November, 2024

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements are to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 5th December, 2024.

Advt No. 63. Sale tale quale of the Premises at No. 71, Triq Sant'Anġlu, Senglea, as shown edged in red on plan P.D.2018_0468_B. This property is being sold in its present state including any latent defects. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,360 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and thirty-five thousand and nine hundred and eighty-five euro (€135,985) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first

rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 64. Bejgħ tale quale tal-fond Nru 73, Triq Sant'Anġlu, L-Isla, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2023_0361. Din il-proprjetà qed tiġi mibjugħa fl-istat li tinsab fih inkluż xi difetti li jista' jkun hemm moħbija. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,789 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u tmienja u sebgħin elf u disa' mija u erbatax-il ewro (€178,914) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 65. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena ta' garaxx f'Nru 108, Triq Dom Mintoff, Bormla, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2023_0515. Din il-proprjetà hija f'kundizzjoni tale quale u hija fl-istat li tinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €12,000 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef ewro (€4,000) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 66. Bejgħ tale quale ta' sit fuq in-naħa ta' wara tal-fond 'Morning Star', Triq Ġanni Vassallo, Ir-Rabat,Għawdex, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2022_0416. Dan is-sit huwa mdawwar minn proprjetajiet ta' terzi (landlocked). L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,900 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u ħamsa u erbgħin elf u ħames mija u erbgħa u sittin ewro (€145,564) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 67. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale fi Triq il-Brolli, Birżebbuġa, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2022_0296_B. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' disgħa u għoxrin elf u seba' mija u sebgħin ewro (€29,770) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online.

refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 64. Sale tale quale of the premises at No. 73, Triq Sant'Anġlu, Senglea, as shown edged in red on plan P.D.2023_0361. This property is being sold in its present state including any latent defects. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,789 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and seventy-eight thousand and nine hundred and forteen euro (€178,914) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 65. Lease for a period of fifteen (15) years of a garage at No. 108 Triq Dom Mintoff, Cospicua, as shown edged in red on the plan P.D. 2023_0515. This property's condition is tale quale, in its present state including any latent defects.Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €12,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand euro (€4,000) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 66. Sale tale quale of a site at the back of the premises at 'Morning Star', Triq Ganni Vassallo, Victoria, Gozo, as shown edged in red on the plan P.D.2022_0416. This site is landlocked. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,900 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and forty-five thousand and five hundred and sixty-four euro (€145,564) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 67. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the site tale quale at Triq il-Brolli, Birżebbuġa, as shown edged in red on the plan P.D.2022_0296_B. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty-nine thousand and seven hundred and seventy euro (€29,770) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders

L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

It-22 ta' Novembru, 2024

MALTA INTERNATIONAL CONTEMPORARY ART SPACE

Il-Kap Eżekuttiv tal-MICAS jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Diċembru, 2024, il-MICAS se tilqa' sottomissjonijiet għal:

Espressjoni ta' Servizzi għall-Kariga ta' Skrivan/a fil-Qasam tas-Servizzi lill-Viżitaturi fuq bażi part-time

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sit tal-MICAS (https://micas.art/get-involved/).

Kull kjarifika jew addenda fuq l-offerta jistgħu jinkisbu mis-sit tal-MICAS.

Il-MICAS tirriserva d-dritt li tirrifjuta kull offerta anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-22 ta' Novembru, 2024

MALTA INTERNATIONAL CONTEMPORARY ART SPACE

Il-Kap Eżekuttiv tal-MICAS jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Diċembru, 2024, il-MICAS se tilqa' sottomissjonijiet għal:

Espressjoni ta' Servizzi għall-Kariga ta' Skrivan/a fil-Qasam tar-Retail fuq bażi full-time

Aktar informazzjonitista' tinkiseb mis-sit tal-MICAS (https://micas.art/get-involved/).

Kull kjarifika jew addenda fuq l-offerta jistgħu jinkisbu mis-sit tal-MICAS.

L-MICAS tirriserva d-dritt li tirrifjuta kull offerta anke l-aktar waħda vantaġġjuża

It-22 ta' Novembru, 2024

are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

22nd November, 2024

MALTA INTERNATIONAL CONTEMPORARY ART SPACE

The Chief Executive Officer, MICAS, notifies that:

Submissions for the following will be received at MICAS, by noon of Monday, 2nd December, 2024, for:

Expression of Interest for a part-time Office Attendant (Visitor Services)

More information can be obtained from the website of MICAS (https://micas.art/get-involved/).

Any clarifications or addenda to the document will be uploaded and are available to view from the same website.

MICAS reserves the right to refuse any offer even the most advantageous.

22nd November, 2024

MALTA INTERNATIONAL CONTEMPORARY ART SPACE

The Chief Executive Officer, MICAS, notifies that:

Submissions for the following will be received at MICAS, by noon of Monday, 2nd December, 2024, for:

Expression of Interest for a full-time Office Attendant (Retail)

More information can be obtained from the website of MICAS (https://micas.art/get-involved/).

Any clarifications or addenda to the document will be uploaded and are available to view from the same website.

MICAS reserves the right to refuse any offer even the most advantageous.

22nd November, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 25 ta' Novembru, 2024.

ERU1911U24 – Devices
ERU1911U24 – Medicinal
ERU1911U24A – Medicinal
ERU1911U24B – Medicinal
ERU1911U24C – Medicinal
ERU1911U24D – Devices
ERU1911U24E – Devices
ERU1911U24F – Medicinal
ERU1911U24G – Medicinal
ERU1911U24H – Medicinal
ERU1911U24I – Medicinal
ERU1911U24J – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-22 ta' Novembru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 25th November, 2024.

ERU1911U24 – Devices
ERU1911U24 – Medicinal
ERU1911U24A – Medicinal
ERU1911U24B – Medicinal
ERU1911U24C – Medicinal
ERU1911U24D – Devices
ERU1911U24E – Devices
ERU1911U24F – Medicinal
ERU1911U24G – Medicinal
ERU1911U24H – Medicinal
ERU1911U24I – Medicinal
ERU1911U24J – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

22nd November, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 26 ta' Novembru, 2024.

ERU2011U24 – Medicinal
ERU2011U24 – Devices
ERU2011U24A – Medicinal
ERU2011U24B – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-22 ta' Novembru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 26th November, 2024.

ERU2011U24 – Medicinal
ERU2011U24 – Devices
ERU2011U24A – Medicinal
ERU2011U24B – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

22nd November, 2024

CENTRAL PROCUREMENT U SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 9 ta' Diċembru, 2024. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 021-4206/24. L-Arginine 100mg/ml injection

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 16 ta' Diċembru, 2024. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 014-4196/24. Provvista, konsenja, installazzjoni, u kkummisjunar ta' 3 'Industrial washing machines and 3 Industrial Dryers for the various wards' fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex

CFT 021-4197/24. Provvista ta' 'Paracetamol 125mg suppositories'

CFT 020-4198/24. Provvista ta' '16G Epidural Minipack Systems'

CFT 021-4199/24. Provvista ta' 'Phosphate supplement effervescent tablets'

CFT 014-4200/24. Kiri ta' żewġ (2) appartamenti għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex (in lots)

CFT 021-4201/24. Provvista ta' 'Cytarabine 20mg/mL Injection'

CFT 021-4202/24. Provvista ta' 'Lomustine 40mg capsules'

CFT 021-4203/24. Provvista ta' 'Clotrimazole 100mg Vaginal Tablets/Pessaries'

CFT 021-4204/24. Provvista ta' 'Bismuth Subnitrate and Iodoform Paste Impregnated Gauze'

CFT 020-4205/24. Provvista ta' 'Various Hydrophilic Coated Guidewires'

